DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Diċembru 2014

li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tar-rikonoxximent ta' ċerti reġjuni fi Franza bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*)

(notifikata bid-dokument C(2014) 9218)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/892/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-nagħaġ u tal-mogħoż [1], u b'mod partikolari t-Taqsima II tal-Kapitolu 1 tal-Anness A tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/68/KEE tiddefinixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta' annimali ovini u kaprini fl-Unjoni. Din tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom l-Istati Membri jew reġjuni tagħhom jistgħu jitqiesu bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE [2] telenka r-reġjuni tal-Istati Membri li huma meqjusa bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*) skont id-Direttiva 91/68/KEE.

(3) Quddiem il-Kummissjoni Franza ressqet dokumentazzjoni li turi konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 91/68/KEE biex titqies bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*) għal 31 reġjun amministrattiv ġdid (départements) minbarra 64 reġjun amministrattiv (départements) li diġà huma rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa minn dik il-marda u li bħalissa huma elenkati fl-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE.

(4) Wara evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni mressqa minn Franza, dawk il-31 reġjun amministrativ (départements) għandhom jitqiesu bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*).

(5) L-annotazzjoni għal Franza fl-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE għandha, għalhekk, tiġi emendata skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE hu emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/52/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 li tieħu nota tal-konformità ta' ċerti Stati Memebri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċelloża (*B. melitensis*) u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda (ĠU L 13, 21.1.1993, p. 14).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE, l-annotazzjoni għal Franza tinbidel b'dan li ġej:

"Fi Franza:

'Dipartimenti':

Ain, Aisne, Allier, Alpes de Haute-Provence, Hautes-Alpes, Alpes-Maritimes, Ardèche, Ardennes, Ariège, Aube, Aude, Aveyron, Bouches-du-Rhône, Calvados, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Cher, Corrèze, Corse-du-Sud, Haute-Corse, Côte-d'Or, Côtes-d'Armor, Creuse, Dordogne, Doubs, Drôme, Eure, Eure-et-Loir, Finistère, Gard, Haute-Garonne, Gers, Gironde, Hérault, Ille-et-Vilaine, Indre, Indre-et-Loire, Isère, Jura, Landes, Loir-et-Cher, Loire, Haute-Loire, Loire-Atlantique, Loiret, Lot, Lot-et-Garonne, Lozère, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Haute-Marne, Mayenne, Meurthe-et-Moselle, Meuse, Morbihan, Moselle, Nièvre, Nord, Oise, Orne, Pas-de-Calais, Puy-de-Dôme, Hautes-Pyrénées, Pyrénées-Orientales, Bas-Rhin, Haut-Rhin, Rhône, Haute-Saône, Saône-et-Loire, Sarthe, Savoie, Haute-Savoie, Ville de Paris, Seine-Maritime, Seine-et-Marne, Yvelines, Deux-Sèvres, Somme, Tarn, Tarn-et-Garonne, Var, Vaucluse, Vendée, Vienne, Haute-Vienne, Vosges, Yonne, Territoire de Belfort, Essonne, Hauts-de-Seine, Seine-Saint-Denis, Val-de-Marne, Val-d'Oise."